

E-3947/08MT
Risposta mogħtija mis-Sur Barrot
f'isem il-Kummissjoni
(23.9.2008)

Skont l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni, il-karta tal-identità ta' Malta ma'fruga lil ċittadini mhux Maltin hija mezz ta' identifikazzjoni ta' persuna skont il-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar il-Karta tal-Identità). Il-karta tal-identità hija ma'fruga b'mod obbligatorju lill-persuni kollha li jkunu għalqu l-erbatax-il sena u li jkunu ilhom jirresjedu Malta għal aktar minn sitt xhur. Skont l-Artikolu 6A tal-istess Att, f'ċerti każi tista' tiżdied xi informazzjoni speċjali dwar il-validità tal-karta tal-identità Maltija għal skopijiet ta' vjaġġar, b'mod partikolari r-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar marbuta ma' xi deċiżjoni mill-awtoritajiet Maltin.

Skont id-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet ta' ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri ¹, ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jħallu t-territorju ta' Stat Membru biex jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor b'karta tal-identità jew passaport validi, it-tnejn li huma ma'fruga mill-Istat Membru li tiegħu għandhom iċ-ċittadinanza. L-istess jgħodd għal membri tal-familja li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi li jrid ikollhom passaport validu u viża tad-dħul valida, jekk dan ikun meħtieġ skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001².

Skont id-Direttiva 2004/38/KE, Stat Membru ospitanti jista' jitlob lil ċittadini tal-UE li jirreġistraw rwieħhom mal-awtoritajiet rilevanti għal perjodi ta' residenza ta' aktar minn tliet xhur u joħroġilhom ċertifikat ta' residenza. Il-membri tal-familja tagħhom minn pajjiżi terzi għandhom japplikaw għal karta ta' residenza. Madankollu, id-Direttiva ma ddaħħalx obbligu li wieħed għandu jkollu karta tal-identità ma'fruga mill-Istat Membru ospitanti. Għalhekk, ċittadini tal-UE jew il-membri tal-familja tagħhom jista' jkollhom il-possibbiltà iżda mhux l-obbligu li jitolbu karta tal-identità Maltija meta jirresjedu f'Malta għal aktar minn tliet xhur. Il-Kummissjoni se teżamina l-Att tal-Karta tal-Identità fi ħdan il-qafas tal-evalwazzjoni ġenerali kontinwa fejn tidħol il-konformità tal-liġi Maltija mad-Direttiva 2004/38/KE.

Madankollu, kif jistipula l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva, meta ċittadin tal-UE, jew membru tal-familja tiegħu li ma jkunx ċittadin ta' Stat Membru, ma jkollux id-dokumenti meħtieġa għall-ivvjaġġar, jew, jekk ikun meħtieġ, il-viża meħtieġa, meta jippreżenta ruħu fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, l-Istat Membru kkonċernat jista', qabel ma jibagħtu lura, jagħti lil dawn il-persuni kull opportunità raġjonevoli li jakkwistaw id-dokumenti meħtieġa jew li jingibulhom fi żmien raġjonevoli jew li jikkorrobaw, jew jagħtu prova b'mezzi oħra li huma koperti mid-dritt tal-moviment ħieles (jiġifieri ċittadini tal-UE jridu jistabbilixxu l-identità u n-nazzjonalità tagħhom u l-identità tal-membri tal-familji tagħhom minn pajjiżi terzi u r-rabti ta' dawn ma' ma' ċittadin tal-UE). L-istess jgħodd f'każ li ċittadin tal-UE jew il-familja tiegħu jew tagħha jkun imwaqqaf mill-awtoritajiet tal-pulizija fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni. Għal dan l-iskop partikolari, il-karta tal-identità Maltija tista' tintuża anki f'każ li l-ħruġ tagħha mill-awtoritajiet Maltin jista' jkun f'kontradizzjoni mal-liġi tal-Komunità. Dan kollu huwa bla ħsara għal penali li Stat Membru jista' jimponi fuq persuna li tinstab li ma jkollhiex fuqha karti u dokumenti jekk il-liġi nazzjonali tistabbilixxi dan l-obbligu.

Fl-aħħarnett, skont l-acquis ta' Schengen, ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fi ħdan iż-żona ta' Schengen għandu jkollhom dokument validu tal-ivvjaġġar kif ukoll viża valida, jekk dan ikun mitlub skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001, ħlief meta jkollhom permess ta' residenza validu. Għaldaqstant, ċittadini ta' pajjiżi terzi, li jkollhom il-karta tal-identità Maltija, ma jstgħux jivvjaġġaw fuq il-bażi ta' dan id-dokument fi ħdan iż-żona ta' Schengen peress li mhux dokument validu tal-ivvjaġġar.

¹ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet ta' ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU L 158, 30.4.2004.

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom waqt li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni u li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dan l-obbligu (ĠU L 81, 21.3.2001).